**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 24 ta' Mejju 2024**

**Kawża Numru: 390/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Hussein Aldghim**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Hussein Aldghim** ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, iben Ahmed u Fatima, imwieled ġewwa s-Sirja, nhar l-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997), residenti fil-fond numru tlieta u sebgħin (73), Flat 1, Triq Joe Sciberras, Pietà u detentur tan-numru tal-Pulizija 36421.

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta, nakkużawh talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Bejn il-ħmistax (15) ta' Marzu u t-tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa April Love, Flat 9, Triq C. De Brocktorff, Msida u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa residenza, għad-dannu ta' Thomas Restall, persuna anzjana u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-ħin;

Bejn il-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu u l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa April Love, Flat 8, Triq C. De Brocktorff, Msida u /jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa residenza, għad-dannu ta' Bogdan Gradinaru u/jew ta' xi persuna/i oħra u/ jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37).

Bejn is-sittax (16) ta' April u l-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa St Anthony, Block C, Flat 6, Triq C. De Brocktorff, Msida u /jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

3. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa residenza, għad-dannu ta' Christian Robert Broughton, Valentina Ruiz Arango u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

4. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' *lock* ta' bieb ta' gallarija għad-dannu ta' Christian Robert Broughton, Valentina Ruiz Arango u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra, liema ammont ma jiskorrix il-mitejn u ħamsin euro (€250);

Għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs) tal-wieħed u għoxrin (21) ta'April u s-siegħa ta' filgħodu (01:00 hrs) tat-tnejn u għoxrin (22) ta'April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Imperia Court, Flat 7, Triq Gerry Zammit, Gżira u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer;

5. Bil-ħsieb li jisraq flus kontanti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa residenza, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, għad-dannu ta' Andrea Kis u/jew xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin

ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

Fil-lejl ta' bejn is-sitta u għoxrin (26) ta' April u s-sebgħa u għoxrin (27) ta'April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa St. Matthew, Flat 9, Triq C. De Brocktorff, Msida u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

6. Ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa residenza, għad-dannu ta' Paolo Bertazzoni, Chiara Rampoldi u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-mezz;

Għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa (19:00hrs) u l-għaxra (22:00hrs) ta' filgħaxija tad-disgħa u għoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa 51, Flat 15, Triq Giovanni Schranz, Msida u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer;

7. Bil-ħsieb li jisraq flus kontanti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa residenza, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, għad-dannu ta' Drew Daniel Hamilton u/jew xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

Għall-ħabta ta' bejn it-tmienja (20:00hrs) u l-ħdax (23:00hrs) ta' filgħaxija tad-disgħa u għoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa April Love, Flat 9, Triq C. De Brocktorff, Msida u /jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

8. Bil-ħsieb li jisraq flus kontanti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa residenza, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, għad-dannu ta' Thomas Restall, persuna anzjana u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

Għall-ħabta ta' bejn it-tmienja (20:00hrs) u l-ħdax (23:00hrs) ta' filgħaxija tal-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa 49, St Matthew, Block B, Flat 6, Triq C. De Brocktorff, Msida u /jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

9. Bil-ħsieb li jisraq flus kontanti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa residenza, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, għad-dannu ta' Burak Altuntas, Sena Deniz Halicioglu u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati kollha hawn fuq imsemmija, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati jew ħatjin d-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati jew ħatjin d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew ta' l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża.

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet id-depozizzjoni tal-Ispettur Stephen Gulia;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni, u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ġie mixli talli fid-dati ndikati huwa kkometta serq, ħsara volontarja u tentattiv ta' serq għad-detriment ta' diversi persuni. L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, in-natura serja tar-reati li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, kif ukoll il-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Illi *in oltre* għall-finijiet ta' piena, il-Qorti qegħda tqis ir-reat ikkontemplat fir-raba' (4) imputazzjoni bħala assorbit fir-reat mertu tat-tielet (3) imputazzjoni.

Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-prosekuzzjoni u d-difiża qablu li d-danni jammontaw għal erba' mija u ħamsin ewro (€450) għad-dannu ta' Gradinaru Bogan, mitejn dollaru għad-dannu ta' Christian Robert Broughton, mija u ħamsin ewro (€150) għad-dannu ta' Thomas Restall u mitejn ewro (€200) għad-dannu ta' Chiara Rampoldi.

**Decide**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e)(f), 257D(1)(b)(ċ), 263(a), 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2), 325(1)(ċ), kif ukoll l-Artikoli 17(b)(h), 18, 20, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat Hussein Aldghim ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-perjodu ta' erba' snin u nofs priġunerija effettiva, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati jirestitwixxi l-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450) lil Gradinaru Bogan, l-ammont ta' mitejn dollaru jew l-ekwivalenti tiegħu f'valuta legali f'Malta skond ir-rata tal-kambju uffiċċjali fid-data tal-ħlas effettiv lil Christian Robert Broughton, l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150) lil Thomas Restall u l-ammont ta' mitejn ewro (€200) lil Chiara Rampoldi bħala kumpens għad-danni u l-ħsara magħmula minnu. Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien tmien xhur mill-llum.

Ai termini tal-Artikoli 392C u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fl-istadju tal-*process verbal* tal-inkjesta[1] dwar dan il-każ u għal dan il-għan, il-Qorti qegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jigu stabbiliti dawn l-ispejjeż. Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien sena mill-llum.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil**

**Deputat Reġistratur Michela Deguara**

[1] Referenza ssir a fol. 36 tal-atti proċesswali minn fejn jirriżulta li in konnessjoni ma dan il-każ infetħet inkjesta mill-Maġistrat Dr. Philip Galea Farrugia.